MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2001

Citazzjoni Numru. 1733/2000/1

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**DELTA DEVELOPMENT COMPANY LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-Citazzjoni ppresentat fit-22 t'Awissu, 2000, li permezz tieghu l-Bank attur ippremetta:

Illi bit-termini u kundizzjoni msemmija f'zewg kuntratti datati 29 ta' Dicembru 1992 u 28 t'April, 1993 fl-atti Nutar Dottor Antoine Agius (Dok "A" u Dok "B"), is-socjeta' attrici kkoncediet "Loan Facility" lis-socjeta' konvenuta Delta Development Company Limited;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta Delta Develoment Company Limited fis-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u ghoxrin liri maltin u erbghin centezmu (Lm27,224.40) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tas- socjeta' Delta Development Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 u C2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Mejju, 2000 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "D", sabiex thallas id-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lis-socjeta' Delta Development Company Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u ghoxrin liri maltin u erbghin centezmu (Lm27,224.40) bilanc ghad-debitu fil- "Loan Account" tas-socjeta' Delta Development Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 u C2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 23 ta' Mejju, 2000 kontra s-socjeta' konvenuta li hi ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa, l-lista tax-xiehda tieghu u l-hames (5) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat id-Degriet ta' din il-Qorti tat-23 t'Awissu, 2000, li bih appuntat is-smiegh tal-kawza ghall-14 ta' Novembru, 2000;

Rat li s-Socjeta' konvenuta, notifikata fit-2 t'Ottubru, 2000, bl-Att tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-Smiegh, ma ressqet l- ebda kontestazzjoni fiz-zmien moghti lilha mil-ligi dwar it-talbiet tal-attur u ghalhekk waqghet kontumaci;

Rat ir-Rikors tas-Socjeta' konvenuta tal-10 ta' Novembru, 2000 (pagna 18 tal-process) li bih, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talbet li tinghata l-opportunita' li tnehhi l- kontumacja taghha;

Rat it-Twegiba tal-Bank attur tat-22 ta' Novembru, 2000, (pagna 21 tal-process) li fih talab li ssir il-prova tar-ragunijiet allegati mis-Socjeta' konvenuta fir-Rikors taghha;

Semghet lix-xiehda tal-istess Socjeta' konvenuta bil-gurament;

Semghet lill-Avukati tal-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom;

Rat l-atti kollha rilevanti tal-kawza dwar dan l-episodju;

Rat id-Degriet taghha tas-6 ta' Dicembru, 2000, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghall-provvediment dwar it-talba tas-Socjeta' konvenuta li tnehhi l-kontumacja taghha;

## *Ikkunsidrat:*

Illi, mis-sottomissjonijiet mismugha minn din il-Qorti f'isem is-Socjeta' konvenuta, ir-raguni ewlenija li ghaliha hija tghid li jkun xieraq u misthoqq li l-kontumacja taghha titnehha tikkonsisti filli, meta waslu ghand id-direttur rappresentativ taghha l-att tac-Citazzjoni u l-avviz tas-smiegh, kienu ghaddejjin tahdidiet bejnha u l-Bank attur biex il-pretensjonijiet tal-Bank attur jigu transatti. Fi kliem Anthony Galea nnifsu, kien mar kellem lill-Manager tal-fergha tal-Marsa tal-Bank attur, minghajr ma kien qallu li rcieva l-atti tal-kawza. Sakemm it-tahdidiet waqfu minghajr ftehim, kien ghadda z-zmien li jitressqu f'waqthom l-eccezzjonijiet li s-Socjeta' mharrka seta' kellha kontra t-talba attrici;

Illi, kif gie deciz minn dawn il-Qrati ghadd ta' drabi, il-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni ta' dak li qieghed jintalab mill-parti attrici; ghall-kuntrarju, il-kontumacja tqieset bhala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naha l-ohra, l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghamil li jisthoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi - bhala element ta' disordni socjali [ara App. Civ. Joseph Vella pro et noe vs John Vella maqtugha fil-**21 ta' Mejju, 1993**];

Fuq ix-xaqliba l-ohra, u minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna ddecidew li r-rigorosita' tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumacja titqies gustifikata [ara PASP Paul Vella pro et noe vs Anthony Ellul, maqtugha fl-**4 ta' Lulju**, **1991**];

Illi jrid jinghad ukoll li meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumacja ta' konvenut hija gustifikata u thalli lil dik il-parti tressaq id-difiza taghha, ma tkun b'daqshekk biss titqies li qeghda tikkastiga lill-attur, imma biss tregga' f'postu l-ekwilibriju tal-partijiet fl-ahjar istruzzjoni tal-gudizzju. Wara kollox, kull min jiftah kawza kontra parti ohra (ghalkemm forsi jittama ghall-kuntrarju) dejjem jistenna li l-parti l-ohra, malli tircievi l-atti tac-Citazzjoni, sejra tressaq il-kontestazzjoni taghha;

Illi l-principji li jirregolaw jekk il-kontumacja hijiex bi htija jew le, gew ghadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-principji huma li: (a) il-kontumacja mhiex gustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuza; (c) li jehtieg li biex tkun gustifikata tigi murija raguni gusta ghas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raguni gusta trid tissarraf f'impediment legittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaci; minbarra dan, (f) sabiex zball ikun meqjus bhala impediment legittimu, irid ikun zball invincibbli b'mod li (g) l-impediment legittimu li jzomm lill-parti milli tressaq id-difiza

taghha irid ikun dik li bnadi ohra ssejhet bhala *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*; u (h) li l-impossibilita' li l-imharrek jikkontesta t-talba jew li jidher ghas-subizzjoni trid tkun gravi u fizika, u eccezzjonalment biss, wahda morali [ara per ezempju Appell Civili Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici maqtugha fit-**12 ta' Dicembru, 1975**; u PAGV Joseph Naudi Montaldo nomine vs Emmanuel Xuereb maqtugha fis-**27 ta' Frar, 1995**];

Illi sa minn dejjem, il-Qrati taghna qiesu li jaghmlu differenza bejn il-kontumacja ta' tort u dik gustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-ahhar zminijiet fejn iddistingwew ebjn il-konvenut li juri disinteress assolut u l-iehor li juri kull fehma li bil-ghaqal jikkontesta l-kawza u li ma lahaqx ghamel dan ghal raguni li ma kienx jahti ghaliha [ara sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-**9 ta' Dicembru, 1993** fil-kawza fl-ismijiet Gloria Beacom vs Anthony Spiteri Staines (Kolleez. Vol: **LXXVII.iii.195**)];

Illi, min-naha l-ohra, il-Qrati iccensuraw dik li sejhu bhala "indifferenza attwali, jew in kuranza ghas-sejhat tal-Qorti", liema atteggament jaghti lok ghall-kontumelja negattiva li tikkostitwixxi wahda mill-elementi mehtiega fl-istitut tal-kontumacja [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fis-**7 ta' Marzu, 1994** fil-kawza fl-ismijiet Joseph Delceppo vs Onorevoli Raymond Bondon *et*]. Din il-linja ta' decizjonijiet ittiehdet sahansitra fejn il-konvenut kontumaci allega l-mard [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fl-**20 ta' Jannar, 1986**, fil-kawza fl-ismijiet Albert Mizzi et noe vs Emmanuel Navarro];

Dan kollu qieghed jinghad fid-dawl tal-principju ewlieni tal-haqq naturali tal-*audi alteram partem*, li jitfa' responsabbilta' mhux zghira fuq il-gudikant li jgharbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi wahda mill-partijiet li tigi mizmuma milli tressaq il-kaz taghha quddiem it-tribunal li jkun;

Illi, f'dan il-kaz, ta' min jghid li s-Socjeta' mharrka ma ressqet l-ebda lment dwar il-validita' tan-notifika;

Illi, minn dak li rrisulta waqt is-smiegh tal-provi, il-Qorti ssib li hemm xi cirkostanzi li tajjeb li jissemmew qabel jitqies jekk is-socjeta' mharrka ghandhiex issaffi l-kontumacja taghha. Fl-

ewwel lok, jidher li qabel ma l-Bank ghadda biex iressaq ic-Citazzjoni, kien diga' talab lis-Socjeta' konvenuta tersaq ghall-hlas b'ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju, 2000 (ara Dok "D", f'pagni 12 u 13 tal-process): din giet notifikata f'Lulju, 2000, wara zewg tentativi ohrajn li kienu ghalxejn. Fit-tieni lok, li skond is-Socjeta' mharrka, din kellha gid f'tas-Sliema li kienet qeghda tfittex tbiegh u li bil-prezz tal- bejgh taghha tasal f'arrangament mal-Bank attur. Fit-tielet lok, sallum, dik il-proprjeta' ma nbieghetx u m'hemm l-ebda ftehim ma' terza persuna imhajra li tixtri dik il-proprjeta'. Fir-raba' lok, il-kuntatti li s-Socjeta' mharrka ghamlet mal- Bank attur jikkonsistu f'laqgha wahda mal-Manager tal-fergha tal-Marsa tal-Bank attur: ma sar l-ebda ftehim b'risultat ta' dik il-laqgha wahedha;

Dawn ic-cirkostanzi kollha ma jikkonvincux lil din il-Qorti li s-Socjeta' mharrka wriet imgiba xierqa u ghaqlija li turi li ma setghetx u ma messhiex tressaq l-eccezzjonijiet taghha fil-waqt moghti lilha mil-ligi. In-nuqqas ta' ftehim bil-miktub mal-kreditur sa dak inhar li kellu jaghlaq iz-zmien ghat-tressieq tan-Nota tal-Eccezzjonijiet messu kien bizzejjed biex inissel sens ta' htiega li dik il-procedura ssir, imqar sakemm il-ftehim jigi definit. Min-naha l-ohra, l-offerta li l-kumpanija ghamlet lill-Bank attur, fis-sens li tipprova tbiegh il-gid taghha u toffrilu r-rikavat mhux ghajr stqarrija li l-istess Bank huwa kreditur, u li, ghalhekk, tali offerta mhix imqar kontestazzjoni tat-talba attrici;

Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk, din il-Qorti qeghda tiddeciedi l-episodju presenti billi:

**Ssib li m'hemmx raguni tajba bizzejjed biex is-Socjeta' konvenuta tithalla tikkontesta l-kawza** billi tressaq l-eccezzjonijiet taghha ghat-talbiet tal-attur skond il ligi;

U qeghda b'hekk **tichad it-talba taghha** maghmula fir-Rikors taghha tal-10 ta' Novembru, 2000, imma minghajr pregudizzju ghall-jeddijiet moghtija lilha bis-sahha tal-artikolu 158 (10) tal-Kodici tal-Procedura Civili;

L-ispejjez ta' dan l-episodju jibqghu riservati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------